MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Mandat Numru. 87/2006/1

**Fatiha Khallouf**

***Versus***

**Mohammad Ahmad**

Il-qorti:
Rat il-mandat ta' inibizzjoni numru 87/2006 maħruġ fl-10 t'April 2006 fuq talba ta' Fatiha Khallouf biex iwaqqaf lil Mohammad Ahmad milli jieħu lill-minuri Marcel Ahmad, bin il-partijiet, barra minn Malta;
Rat ir-rikors magħmul minn Mohammad Ahmad "ir-rikorrent" fid-19 t'April 2006 biex il-qorti tħassar il-mandat;
Rat it-tweġiba ta' Fatiha Khallouf ġl-intimataħ;
Tqis illi bħalissa għaddejjin bejn il-partijiet proċeduri għall-firda personali, u għalhekk ma huwiex xieraq illi l-intimata tkun imċaħħda mill-protezzjoni li jagħtiha l-mandat; għalhekk il-mandat ma għandux jitħassar.
Ir-rikorrent fisser illi ma għandux il-ħsieb fil-preżent illi jsiefer ml-minuri, iżda jixtieq illi, jekk ikun hemm okkażjoni

li jieħu lill-minuri għal btala barra minn Malta, ikun jista' jagħmel dan mingħar ix-xkiel tal-mandat. Jekk dan huwa l-ħsieb tiegħu, ma hux meħtieġ ir-rimedju li qiegħed jitlob: ikun biżżejjed illi, qabel is-safra, jagħmel rikors *ad hoc* sabiex il-qorti tkun tista' tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u tagħmel il-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet li jkunu jgħoddu għall-każ u illi jħarsu l-interessi tal-partijiet kollha.
Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba magħmula bir-rikors tad-19 t'April 2006 hija miċħuda. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandu jħallashom ir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------